Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 98/2018

Il-Pulizija
Spettur Pierguido Saliba

Vs

Robert Galea

Illum 1 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Robert Galea detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 420780M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

Talli fit-3 ta' April 2016 għall-ħabta ta' 14:20 hrs ġewwa Triq Mon Mikiel Azzopardi, Siġġiewi, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni RBZ 222:

1. Saq vettura Nru RBZ 222 b'manjiera (a) traskurata;

2. Saq vettura Nru RBZ 222 b'manjiera (b) perikoluza;

3. Saq vettura Nru RBZ 222 b'manjiera bla kont;

4. Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura qasam il-linja/i l-bajda/ bojod kontinwi.

5. Talli saq b'veloċità aktar milli jmissu.
6. Naqas li jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u jagħmel sinjal meta kien ser ibiddel id-direzzjoni tiegħu.
7. B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura nru FBN 274 u involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' James Busuttil.

Il-prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-LS. 65.1, u l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba fil-konfront tiegħu, ikkundannatu multa ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) u skwalifikatu minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet (3) xhur li jibda minn nofs il-lejl tal-lum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Robert Galea, ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok, issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet relattivi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Robert Galea huma s-segwenti u cioe`:-

***i. <u>Il-fatt li hadd mix-xhieda ma kkonferma n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura Subaru Impreza u hadd mix-xhieda ma seta' jikkonferma li s-sewwieq kien Robert Galea</u>***

F'pagni 4 u 5 tas-sentenza tal-ewwel qorti, dik il-qorti spjegat kif waslet ghall-konkluzjoni taghha. In sintezi, il-Qorti rragunat li:

- Primarjament, Robert Galea huwa mis-Siggiewi;

- Robert Galea huwa proprjetarju ta' vettura Subaru Impreza blu kif deher minn *screenshots* tal-profil tal-*Facebook* tieghu;
- Ix-xhud okulari Nicola Grima ra li l-vettura li kkawzat l-incident kienet wahda blu;
- Ix-xhud James Busuttil gharaf li l-vettura li kkawzat l-incident kienet Subaru Impreza; u
- Ix-xhud Mandy Fenech ikkonfermat dak li xehed il-*boyfriend* taghha James Busuttil.

Wara dan, l-ewwel qorti qalet li "*... hadd ma kkonferma li n-number plate tal-karozza kienet effettivament RBZ 222 u hadd ma seta' jikkonferma li s-sewwieq kien Robert Galea...*"

Illi biex ikkonkludiet li Robert Galea huwa s-sid tal-vettura Subaru Impreza blu, l-ewwel qorti strahet biss fuq l-i*screenshots* tal-profil tal-*Facebook* tal-imputat. Bid-dovut rispett, huwa nnutat li l-fatt li wiehed ghandu ritratt ta' oggett ma jista' qatt jittiehed bhala prova li dak l-oggett huwa proprjeta' ta' min ghandu r-ritratt tieghu.

Illi x-xhud PS 1240 Joseph Camilleri xehed bl-affidavit li nghatat informazzjoni <u>permezz ta' telefonata anonima</u> li l-vettura Subaru Impreza involuta fl-incident kellha n-numru ta' registrazzjoni RBZ 222. In kontro-ezami (fol. 51 *et seq.* tal-process), PS 1240 xehed car li huwa kien qieghed jistrieh biss fuq dak li ntqal lilu minn terzi u li ma seta' jikkonferma xejn personalment. Ghalkemm m'hemm ebda ostaklu legali biex il-pulizija jinvestigaw abbazi ta' informazzjoni moghtija anonimament, dak allegat anonimament irid ikun korroborat minn xhieda okulari u/jew dokumentarji fil-process kriminali jekk il-pulizija jiddeciedu li jressqu lil xi hadd kriminalment abbazi tal-informazzjoni moghtija anonimament.

Illi ghall-kuntrarju, fil-kaz in kwistjoni, <u>hadd</u> mix-xhieda ma xehed li ra li l-vettura Subaru Impreza kellha n-numru ta' registrazzjoni RBZ 222 u <u>hadd</u> ma xehed li ra li l-imputat kien qieghed isuq tali vettura. Infatti, James Busuttil kien l-uniku xhud okulari li gharaf il-vettura li allegatament ikkawzat il-habta bhala Subaru Impreza. Dan mhux il-kaz fejn ghall-inqas xhud wiehed minn numru ta' xhieda ra n-numru ta' registrazzjoni u l-ohrajn le, izda kaz fejn <u>hadd</u> minn PS 1240, Nicola Grima, James

Busuttil u Mandy Fenech ma ra xejn rigward sewwieq jew rigward numru ta' registrazzjoni. Ladarba l-persuna li tat l-informazzjoni baqghet anonima u ghalhekk ma xehditx, din l-informazzjoni mhux ammissibbli.

Illi x-xhud James Busuttil tant kien incert mill-fatti li hass il-bzonn li hu stess jindaga fuq il-midja socjali. Jirrizulta izda li huwa kiseb l-informazzjoni krucjali dwar in-numru ta' registrazzjoni (kif stqarr hu stess fis-seduta tal-20 ta' April 2017) mir-rapport tal-pulizija wara li dawn ircevew din l-informazzjoni anonimament u mhux *a tempo vergine* mill-osservazzjonijiet tieghu fid-data u l-hin tal-allegat sinistru stradali.

Illi inoltre, l-appellant isibha difficli jifhem kif l-ewwel qorti setghet, abbazi ta' dak spjegat fl-ahhar paragrafu fir-raba' pagna tas-sentenza, tkun moralment konvinta mill-htija tal-appellant. Tezisti gurisprudenza voluminuza dwar il-fatt li fil-kamp kriminali l-htija trid tkun ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli u dwar li l-gudikant irid ikun moralment konvint mill-htija tal-imputat. Izda tali gurisprudenza tghallem li l-konvinciment morali tal-gudikant irid jemergi minn dan il-grad gholi ta' prova u mhux ikun alternattiv ghall-ilhuq tal-grad ta' prova.

Illi fi kliem iehor, il-qorti ma tistax tirraguna li ghalkemm ma ntlahaqx il-grad ta' prova applikabbli fil-kamp kriminali, tista' xorta wahda tinstab htija sakemm il-gudikant sedenti jkun b'xi mod iehor moralment konvint mill-htija tal-imputat.

***ii. <u>Illi b'referenza partikolari ghall-hames u s-seba' imputazzjonijiet (dwar velocità eccessiva u hbit mal-vettura FBN 274 rispettivament), dawn ma jirrizultawx mill-provi relattivi</u>***

Illi rigward il-hames imputazzjoni dwar allegata velocità eccessiva, l-ewwel qorti ma setghet qatt issib htija f'dan ir-rigward ghas-segwenti ragunijiet:

- Ma kien hemm ebda indikazzjoni tal-limitu tal-velocità applikabbli ghat-triq in kwistjoni; u
- Hadd ma kejjel il-velocità tal-vettura allegatament misjuqa mill-imputat fil-hin in kwistjoni.

Illi minkejja dan, l-ewwel qorti xorta sabet lill-imputat hati ghalkemm l-imputazzjoni ma kinitx ippruvata.

Illi rigward is-seba' imputazzjoni (hbit mal-vettura FBN 274), huwa osservat li fix-xhieda tieghu stess, James Busuttil xehed li huwa "*swervja*" biex jevita habta b'rizultat li habat ma' sigra. Kieku kien minnu li l-imputat habat fih, zgur li Busuttil u t-tfajla tieghu Mandy Fenech kienu jsemmu dan id-dettal importanti. Madankollu, hadd ma xehed li sehhet xi habta bejn l-imputat u James Busuttil. Ghalhekk, din l-imputazzjoni certament ma tirrizultax.

Ikkunsidrat;

Illi **Ps 1240 Joseph Camilleri** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn qal li fit-tlieta (3) ta April tas-sena elfejn u sittax (2016) għal ħabta ta' 14:20 hrs waqt li kien xogħol ġewwa l-Għassa ta' Ħal-Qormi ġie infurmat li kienet seħħet ħabta fi triq Mons. Mikiel Azzopardi ġewwa s-Siġġiewi. Jgħid li mar fuq il-post fejn sab li vettua tal-għamla Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni FBN274 kinet telgħet fuq il-bankina u ħabtet ġo siġra żgħira li kienet f'nofs il-bankina.

Jgħid li fuq il-post kellem lil James Busuttil fejn stqarr li ma kienx weġġa fl-inċident u li meta mistoqsi kif seħħ l-impatt stqarr li '*kont qieghed insuq fil-lane tieghi, kien hemm Subaru Impreza ta' kulur blu gejja fuq il-lane oppoosta u qabez wrong way ghall fuq il-lane tieghi sabiex jaqbez hames vetturi u biex ma nahbtux head on gbidt il-vettura ghall go l-bankina bil-konsegwnza li hbatt*'. James Busuttil ma kienx jaf in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura. Ix-xhud fl-affidavit jgħid li l-passiġiera Mandy Fenech ikkonfermat l-istess verżjoni.

Jgħid li iktar tard il-pulizija irċeviet informazzjoni anonima permezz ta' telefonata li l-vettura Subara impreza involuta fl-inċident għandha n-numru ta' reġistrazzjoni RBZ 222 u l-persuna li tgħat din l-informazzjoni sostniet ukoll li x-xufier tal-vettura imsemmija qabeż fuq il-lane opposta biex jagħmel '*overtaking*' ta' ħames (5) vetturi bil-konsegwenza li ħoloq l-inċident.

Fl-affidavit jgħid ukoll li ftit wara, għal ħabta tas-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) irraporta l-Għassa ta' Ħal-Qormi ċertu Nicola Grima mis-Siġġiewi fejn stqarr li dakinhar tal-inċident kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu ġewwa Triq Mons. Mikiel Azzopardi meta vettura sportiva ta' lewn blu qabżet fuq il-karreġjata opposta biex għamlet 'overtaking' tal-vettura tiegħu u ta' tlett vetturi li kienu quddiemu bil-konsegwenza li ħoloq inċident għax ix-xufier tal-vettura FBN 274 ħabat biex jevita din il-vettura. Nicola Grima ma kienx jaf in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li qabżitu u lanqas jagħraf min kien qiegħed isuq.

Ġiet preżentata okkorenza dwar dan l-inċident u ritratti.

Fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed **Nicola Grima** fejn qal li fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) kien għaddej mill-Bypass tas-Siġġiewi u ħiereġ lejn Ħaż-Żebbuġ, xehed li huwa kien b'vann Kia u ra karozza taqbżu. Jgħid li dan intefa fuq nofs it-triq u nofs ġo triq oħra opposta u qabeż it-tlett karozzi ta' quddiem ix-xhud. Jgħid li kif ġie mat-tielet waħda ra karozza ġejja opposta, mar fuq in-naħa tiegħu, reġa dar u kien se jidħol fuq ix-xhud u dawwar il-karozza għal ġol-ħajt. Jgħid li l-karozza kienet blu imma ma jafx x'isimha.

Jgħid li ma jgħarfux ix-xhud għax kienu qegħdin isuqu. Jgħid iżda li l-ħoss tal-karozza ma kienx standard. Jgħid li l-ħoss kien ta' karozza tal-ġiri. Jispjega li bil-kelma 'triq' irid ifisser li t-triq kellha sinjal fin-nofs tagħha u li s-sinjal kien fin-nofs tal-karozza, fi kliemu '*Nofsu 'hawn u nofsu l'hemm.*'

Xehed li '*X'hin qabez tliet karozzi, nara karozza hierga minn quddiemu, ghax jien lilu ma stajtx narah. Iva. Tintefa mal-hajt tas-side tieghu biex ma jiskapulax, biex ma jidholx gol-hajt dar ghal fuqi. Nimmagina li beda jitlef il-kontroll tal-karozza. Umbghad x'hin wasal mieghi, dar ghal gol-hajt, gol-bankina...*'

Jgħid li din il-karozza telgħet żewġ bankini, huwa waqaf biex jagħtihom l-għajnuna, ra li ma ġralhom xejn u tkellem magħhom. Jgħid li dak li telliflu l-kontrol kien għaddej b'ċertu speed li qabeż tlett karozzi u mhux lix-xhud biss. Jgħid li dan li tela fuq il-bankina ma kienx għaddej b'veloċita għax kieku kien jitfarrak ġol-ħajt.

In kontro-eżami jgħid li ma jafx in-number plate tal-karozza blu għax ma kienx interessat fih. Jgħid ukoll li ma jagħrafx lis-sewwieq tal-vettura.

Fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed ukoll **James Busuttil** fejn mistoqsi fejn kien fit-tlieta (3) ta' April għal ħabta tas-siegħa, s-sagħtejn ta' wara nofsinhar qal li kien qiegħed isuq fil-bypass tas-Siġġiewi flimkien ma' Mandy Fenech direzzjoni lejn is-Siġġiewi. Xehed li '*Hekk fid-daqqa u l-hin kif naqbez l-Limestone Heritage nara vettura illi ghamlet manuvra perikoluza hafna. Din il-vettura li kienet ta' lewn blu tat-tip Subaro Impreza minghajr sinjal jew indikazzjoni harget fuq il-karreggjata tieghi, gejja bi speed konsiderevoli fid-direzzjoni opposta tieghi. Jiena dak il-hin ma kellix ghalza ohra hlief jew nahbat mieghu u kien ikun impatt fatali ghalija u ghal passigiera li kelli mieghi jew nevitah. Jiena evitajtu billi 'sterjajt' lejn il-baking, konsegwenza li kissirt il-vettura tieghi.*' Huwa spjega li dawwar fuq in-naħa tal-passiġier u li l-karozza tax-xhud hija ta' kulur *silver*.

Jgħid li meta swervja, kien qed jostakola it-triq tiegħu peress li x-xhud kellu d-dritta, kiser lejn il-bakina *on the left*, ħalla spazzju biżżejjed kemm jgħaddi u reġa biex jiprova jidritta l-karozza, sterja *fuq il-left*, biss pero' ma riedx jostakola jerġa jidħol fil-karreġġjata tan-naħa tar-*right* b'hekk reġa swervja ġol-bankina.

Mistoqsi jekk jgħarafx lix-xufier tal-Impreza jgħid li le iżda għaraf il-karozza tiegħu għax tolqot l'għajn u hija Subaru Impreza lewn blu. Jgħid li l-inċident seħħ fi ftit sekondi, u b'referenza għax-xufier tal-Impreza jgħid li kien għaddej b'veloċita u ma setgħax jagħrfu anke peress li l-ħġieġ kien *tinted*. Jgħid li ma rax liċenzja dak il-ħin. Huwa preżenta ritratti inkluż ritratti tal-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu. Jgħid li kif swervja, is-sewwieq l-ieħor baqa għaddej fil-karreġġata tax-xhud. Huwa preżenta wkoll screenshots meħudin minn fuq *social media*. Jgħid li l-karozza li tidher fuq l-iscreenshots tas-*social media* hija l-karozza u ritratti li skont ix-xhud '*juru l-karattur ta' Robert Galea*'. Jgħid li wasal għall-identita' tiegħu mir-rapport tal-Pulizija. Spjega li n-number plate ħadu minn fuq ir-rapport tal-Pulizija. Mistoqsi jekk għandiex xi marki partikolari wieġeb li hi sportiva, '*wahda ghagli li ma tarahiex regolarment.*' Jgħid li hi tar-rally, Subaru Impreza ta' lewn blu li kif taraha tolqotlok l-għajn. Jgħid li kellha ħoss

'*iddamdam triq*', kulur blu u ħġieġ skur. Jgħid li għandha spoiler fuq wara jiġifieri mhux karozza normali.

Mistoqsi mill-Qorti kif waslu għar-*registration plate* qal li xi ħadd anonimu ċempel lil Pulizija, tahom id-dettalji tan-*number plate* u l-pulizija traċċat l-individwu. Jgħid li hu dilettant tal-karozzi u għaraf li Subaru Impreza mal-ewwel dak il-ħin u permezz tar-rapport tal-pulizija sar jaf li s-sewwieq jismu Robert Galea. Jgħid li mis-*social media* fittex Robert Galea u reġa kkonferma għax qabbilha ma dak li ra. Ikkonferma li kienet l-istess blu.

In kontro-eżami jgħid li l-inċident seħħ fi ftit sekondi u ma għarafx in-number plate dak il-ħin. Jgħid li għaraf il-karozza u li s-Subaru hija dik deskritta fir-rapport tal-pulizija. Dak il-ħin ma għarafx is-sewwieq u lanqas in-number plate.

In ri-eżami mistoqsi meta kien qiegħed isuq dak il-ħin kemm kien hemm Subaru Impreża b'dak il-kulur wieġeb li waħda. Fil-kontro-eżami ulterjuri jgħid li s-Subaru impreza qabeż madwar tlett karozzi pero' ma jafx kemm qabez aktar wara li swervja, jgħid li kwantifika ħames karozzi għax wara l-aċċident kien hemm nies li wara l-inċident ikkonfermaw li qabeż madwar ħames karozzi. Jgħid li b'għajnejh rah jaqbeż tlett karozzi.

Fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Mandy Fenech** fejn mistoqsija fejn kienet wara nofsinhar bejn is-siegħa u s-sagħtejn fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) qalet li kienet passiġiera mal-*boyfriend* tagħha James Busuttil. Tgħid li kienu għaddejin mill-Bypass tas-Siġġiewi. Xehdet li kien il-Ħadd, ma kellhomx għaġla, kienu għaddejin normali u li jekk kienu għaddejin b'veloċita qawwija żgur li ma kienux joħorġu mil-karozza wara l-impatt mingħajr ebda ġrieħi. Tgħid li kif għaddew il-Limestone Heritage, karozza sportiva ta' lewn blu ġiet *wrong side* fuq il-karreġata li kienu għaddejin minnha, ġejja gas down *head on* għalihom. Tgħid li '*l-boyfriend tieghi ma kellux option iehor just li jipprova jiskansaha. B'hekk huwa kiser lejn in-naha tal-bankina u b'konsegwenza ta' dan ahna ovvjament ħbatna. Li niftakar li l-karozza kienet blu u kellha spoiler wara u kienet sportiva. Din mhux karozza komuni bhal xi Toyota Yaris li tara hafna fit-toroq Maltin.*'

Mistoqsija jekk semgħetx ħsejjes qalet li le taf li din ħarġet fuq il-lane tagħhom u li nħasdu peress li ma kienx hemm karozzi quddiem u li hu pprova jaqbeż ħames karozza. Tajt li telgħu fuq il-bankina fejn kien hemm siġra u daħlu ġo fiha. Tgħid li ma kellhomx ġrieħi iżda l-karozza mifquha minn quddiem. Tgħid li kien hemm iż-żejt u ħadida. Hi kkonfermat ir-ritratti u kkonfermat li r-ritratti ttieħdu dak in-nhar stess u wara li ċemplu lil pulizija. Tgħid li tgħawġet ir-rota ta' quddiem.

Mistoqsija kemm rat karozzi sportivi bluni dak il-ħin tal-inċident wieġbet li waħda għax hu kien hemm. Tgħid li taf li kellha spoiler blu.

In kontro-eżami tgħid li lis-sewwieq ma kelliex ċans tarah u lanqas in-*number plate*.

Fis-seduta ta' nhar is-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed **PS 1240 Joseph Camilleri** fejn b'referenza għall-affidavit tiegħu kien semma li rċevew informazzjoni permezz ta' telefonata anonima. Mistoqsi x'kienet din l-informazzjoni qal li l-inċident seħħ għax l-imputat qabeż fuq il-lane opposta kontra d-direzzjoni tat-traffiku biex jaqbeż ħames (5) vetturi u l-vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta biex tevita, ħabtet ġol-bankina. Jgħid li hu ma kienx fuq il-post fil-ħin tal-inċident iżda li xi tlett'ijiem wara ġie xhud ieħor l-għassa li ma kellux in-*number plate* tal-vettura iżda kellu deskrizzjoni li taqbel ma' li kien qed isuq l-imputat, sportiva u bluna.

Fis-seduta ta' nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed **George Baldacchino** li b'referenza għat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) qal li dakinhar kien l-għalqa s-Siġġiewi f'xi ħin qabel is-sagħtejn ġie n-neputi Robert Galea u għadu jitkellmu flimkien. Jgħid li f'xi ħin Robert Galea irċieva telefonata u qallu li ċemplu mill-Għassa ta' Ħaż-Żebbug u rieduh imur l-Għassa ta' Ħal-Qormi urġenti. Staqsieh x'ġara u qallu li ma jafx u ma jafx fuq xiex, staqsieh għamilx xi ħaġa u qal li ma għamel xejn u marru l-Għassa flimkien. Jgħid li ħallewhom jistennew xi nofs siegħa, daħluhom biex ikelmuh u xtaq jidħol miegħu u l-Pulizija staqsieh riedx assistenza ta' Avukat. Peress li qallu li ma għamel xejn qallu li ma għandux bżonn Avukat. Mistoqsi mill-Qorti '*Int waqt l-incident in kwistjoni kont hemm?*' Wieġeb '*Ijja kont l-ghalqa jien u Robert kien mieghi.*' Mistoqsi mill-Qorti '*Waqt l-incident*' wieġeb li mhux waqt l-inċident għax ma jafx x'ġara imma kienu l-għalqa. Jgħid li kien

ilu għal xi nofsinhar u hu ġie qabel is-sagħtejn ħdejh u telqu flimkien l-Għassa. Mistoqsi jekk qabel is-sagħtejn Robert Galea kien miegħu wieġeb li kienu flimkien l-għalqa u ma kienx qiegħed isuq. Ikkonferma li meta rċieva t-telefonata kienu miegħu.

In kontro-eżami jgħid li kien bejn wieħed u ieħor qabel is-sagħtejn, jgħid li kienu s-siegħa u nofs. Jgħid li jħobb jisma' l-qniepen tas-Siġġiewi u kull kwarta tismahom. Jgħid li bejn wieħed u ieħor qabel is-sagħtejn imma jaħseb li is-siegħa u nofs. Jgħid li jekk marru l-għassa fis-sagħtejn, Robert Galea kien ilu xi nofs siegħa, tlett kwarti. Ma jafx il-ħin eżatt li marru l-Għassa iżda xis-sagħtejn u nofs ftit wara li rċieva t-telefonata. Jgħid li kien mar l-għalqa s-Siġġiewi Wied Xkora għal xi nofsinhar. Ikkonferma li trid tgħaddi biċċa mill-bypass biex tasal għall-għalqa. Jgħid li Robert għandu karozza blu Subaru u biha ġie. Jgħid li ma kienx miftiehem miegħu iżda ġie ħdejh is-soltu.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti osservat li d-decide tas-sentenza appellata taqra:

'*Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-LS 65.1, u l-Artkolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fi-konfront tieghu, tikkundannah multa ta' tlett mija u hamsin (€350) u tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur li jibda min-nofs il-lejl tal-lum.*'

Għalkemm l-appellant ma ressaq ebda aggravju dwar dan, din il-Qorti osservat li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ċċitat fost liġijiet oħra, l-leġislazzjoni sussidjarja 65.1. Din il-leġislazzjoni sussidjarja tirrigwarda r-Regolamenti dwar il-Motor Route Buses, liema leġislazzjoni sussidjarja kienet ġiet revokata bl-Avviż Legali 254 tal-2011.

Illi għalhekk jirriżulta li din il-leġislazzjoni sussidjara ġiet indikata erronjament mill-Ewwel Qorti u dan stante li mhux biss ma hijiex relatata mal-imputazzjoni iżda hija wkoll revokata. Tenut kont tal-imputazzjonijiet, jista' jagħti l-każ li l-Ewwel Qorti b'*lapsus calami* indikat din il-leġislazzjoni sussidjara minflokk il-leġislazzjoni sussidjarja bin-numru 65.11 li tirrigwarda r-Regolamenti dwar il-Vettura bil-Mutur.

Illi għaldaqstant din il-Qorti sejra l-ewwel tistħarreġ jekk dan l-iżball iwassalx għan-nullita tas-sentenza appellata. L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena* ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat****.*' (Emfażi miżjuda)

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'**[1]:

'*osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

*Ikkonsidrat ;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.*'

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri'**[2] annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

---

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell numru: 336/2005)
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu, 2008 (Appell Kriminali numru: 420/2007)

*'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m'ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f'Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[3] ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal- Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal- Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim.* ***"Il- Pulizija vs. Joseph Muscat"***[4]*,* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "***[5]*;* ***"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"***[6] *u ohrajn.)* (Emfażi miżjuda u dettalji tas-sentenżi ċitati jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[7] ġie kkunsidrat li:

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)
[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Ġunju, 1994
[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Ġunju, 1995
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[8] u ohrajn)* (Emfażi miżjuda u data tas-sentenza ċitata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[9] ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[10] u ohrajn)* (Emfażi miżjuda u data tas-sentenza ċitata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

L-istess sentenza kkunsidrat:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio", ghalkemm ma jkun hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**"[11] ; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**"[12] ; "**Il-Pulizija vs. Stefan Abela**[13]" u ohrajn)* (Emfażi miżjuda u dati tas-sentenzi ċitati jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt R. Vella) Vs Dennis Farrugia Omissis'**[14] intqal

---

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005
[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)
[10] Deċiża nhar it-3 ta' Frar, 1995
[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994
[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar, 2005
[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006
[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru. 85/2009)

li:

'*Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.*'

Ikkunsidrat;

L-iżball sollevat *ex officio* minn din il-Qorti irendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla stante kif hawn fuq kkunsidrat l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li sentenza kontra l-imputat għandha fost rekwiżiti oħra ssemmi l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw r-reat. La darba l-leġislazzjoni sussidjarja indikata fis-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-ewwel lok ma tirrigwarda l-ebda mill-akkużi miġjuba kontra l-appellant u fit-tieni lok kienet fid-data tas-sentenza ineżistenti, ifisser li dan huwa bi ksur ta dak rikjest ad validitatum skont l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti ohra preċedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa' mhux mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mil-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza appellata.[15] Din il-Qorti għalhekk qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji mressqa mill-appellant.

[15] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield' deċiża nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża tiġi trattata u deċiza mill-ġdid skond il-liġi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur